MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 1469/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**John Mary Caruana**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Mary Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 731558M (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Marzu 2009 jew fil-jiem u xhur ta' qabel-

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

4. Kif ukoll aktar talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 21 ta' Frar 2010, liema sentenza hija wahda definittiva u ma tistax tigi mibdula;
Rat il-kunsens tal-Avukat Generali, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-impuat fejn wiegeb li mhuwiex hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Illi mill-provi u mix-xhieda tal-Ispettur Raymond Aquilina fejn xehed li ghamel verifiki necessarji u anke staqsa lill-imputat stess sabiex jipprovdilu licenzja antika tal-mutur hekk kif kien qed isostni l-imputat, izda dan kien fin-negattiv. Fil-fatt fit-Trasport Malta rrizulta li dan qatt ma applika u lanqas kien qaghad ghat-test ta' mutur. Illi di piu` x-xhieda ta' Jason Mifsud turi konferma cara illi l-licenzja tal-mutur tal-imputat ma ngabitx b'mod regolari, u fil-fatt turi li kien hemm xi tip ta' kolluzjoni bejn l-imputat u terzi persuni biex igib din il-licenzja.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 42, 49, 185(1) 186, 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda issib lill-imputat John Mary Caruana hati biss tal-ewwel tlett akuzi stante li gie ppruvat kif indikat b'verbal datat 18 ta' Frar 2011, ir-raba' akkuza ma tapplikax, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qeghda tikkundannah ghal

ghaxar (10) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) filwaqt li tilliberah mir-raba' akkuza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------